**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar il-Hamis, 15 ta' Marzu, 2001

**Numru**

**Avviz. numru 1098/99JR**

**Café` Bar (Malta) Ltd.**

**vs**

**John Sultana**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-6 ta' Lulju, 1999, fejn intalab il-hlas ta' mija hamsa u erbghin lira Maltija (Lm145.00), u fejn intqal:**

**Illi l-konvenut kien impjegat mas-socjeta` attrici, bhala salesman, u kien jiehu "commission" fuq il-bejgh tieghu;**

**Illi l-konvenut kien inghata fost affarijiet ohra uniformi u "mobile phone" mis-socjeta` attrici, liema oggetti ghadhom sallum fil-pussess tal-konvenut;**

**Illi sussegwentement il-konvenut kien tkecca mix-xoghol minhabba imgieba hazina;**

**Illi minkejja illi kien tkecca mix-xoghol, il-konvenut zamm l-oggetti proprjeta` tas-socjeta` attrici, u minbarra flus ohra kien ha s-somma ta' mija u hamsa u erbghin lira Maltija (Lm145.00) bhala "commission" meta dana ma kienx haqqu;**

**Jghid ghalhekk il-konvenut ghalfejn ma ghandux jigi kkundannat: 1. jrodd lura lis-socjeta` attrici l-uniformi u "mobile phone" proprjeta` ta' l-istess socjeta` attrici, u affarijiet ohra illi ghandu fil-pussess tieghu minghajr titolu validu; u 2. jhallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija hamsa u erbghin lira Maltija (Lm145.00);**

**Bl-imghax u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra legali ta' l-14 ta' Lulju, 1998, ta' l-ittra ufficjali ta' l-24 ta' Mejju, 1999, hmistax-il lira (Lm15.00) tal-konsult kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta prezentata mill-konvenut fl-20 ta' Settembru, 1999, fejn intqal:**

**Illi qed jikkontesta t-talba tas-socjeta` attrici u dan ghas-segwenti ragunijiet:**

**L-esponenti kien jahdem mas-socjeta` attrici bhala "salesman" b'salarju minbarra "commission";**

**Is-socjeta` attrici ghada ma hallsitx lill-esponenti l-ammont ta' tmein mitt lira Maltija (Lm800.00) (erba' xhur b'mitejn lira, Lm200, kull xahar ghall-perijodu Frar 1998 sa Gunju 1998 salarji ghall-"Marketing" u "Installation" ta' "Coffee**

**Machines", trasport, spejjez ta' manutenzjoni u uzu tal-karrozza personali tieghu, konsum ta' "petrol", spejjez inkorsi, licenzji, assikurazzjoni, attendenza u tmexxija ta' l-"Exhibition Stand" fil-"Food & Beverage Trade Fair" u "Small Industries Fair", Naxxar;**

**Inoltre l-esponenti ghadu ma giex imhallas mis-socjeta` attrici ghall-kummissjoni dovuta lilhu ghal bejgh ta' "Coffee Machine" lil Gasan Enterprises Ltd. mitt lira Maltija (Lm100.00), Woodland Bar and Restaurant Bugibba mitt lira Maltija (Lm100.00), Walter Tanti Palmier Kiosk Sliema mitt lira Maltija (Lm100.00), Little Armier Lido - Vince Vella - mitt lira Maltija (Lm100.00) (li minnhom thallsu tlett mitt lira [Lm300.00] akkont sa issa) u ghalhekk baqa' bilanc ta' kummissjoni ta' mitt lira Maltija (Lm100.00), minbarra tiswija tal-"mobile phone" hamsin lira Maltija (Lm50.00), kera u uzu tal-"mobile" tmenin lira Maltija (Lm80.00), spejjez legali tletin lira Maltija (Lm30.00), li ghalhekk b'kollox l-ammont ilahhaq aktar minn elf u sittin lira Maltija (Lm1060.00), u f'dawn il-proceduri il-konvenut qed jaghmel kontro-talba ta' mitejn u hamsin lira Maltija (Lm250.00) ghall-parti mill-bilanc dovuta lilhu skond il-Ligi;**

**L-esponenti waqaf jahdem ghas-socjeta` attrici peress li din ma kienetx hallsitu s-salarju dovut ghall-erba' xhur minbarra "commissions" dovuti u spejjez ohra u mhux minhabba li tkecca ghall xi raguni jew ohra;**

**Il-konvenut la ha jew ghandu flus tal-kumpanija billi ma gabarx flus u lanqas ma thallas mija hamsa u erbghin lira Maltija (Lm145.00) zejda bhala "commission", anzi baqalu jiehu bilanc ta' mitt lira Maltija (Lm100.00) "commission" u wisq anqas ma ghandu affarijiet ohra tal-kumpanija. Kif diga` kien informa lis-socjeta`**

**attrici b'ittra legali tad-29 ta' Lulju, 1998, l-esponenti lest li jirritorna l-uniformi moghtija lilhu u "mobile" malli s-socjeta` attrici thallsu l-ammont kollu dovut lilhu; Ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici li ghandha minflok tigi kkundannata thallas is-somma ta' mitejn u hamsin lira Maltija (Lm250.00) akkont tal-bilanc dovuta lilhu. Salvi eccezzjonijiet ohra.**

**Illi ghal dawn ir-ragunijiet imsemmija fir-risposta l-konvenut ghamel kontro-talba ghall-mitejn u hamsin lira Maltija (Lm250.00).**

**Ra r-risposta ghall-kontro-talba prezentata fl-4 ta' Ottubru, 1999, fejn intqal:**
**Illi fl-ewwel lok il-kontro-talba mhix valida u dana stante illi John Sultana ma jistghax jaghmel kontro-talba ghall-somma akkont ta' somma akbar, izda jrid bilfors jaghmel kontro-talba ghas-somma intiera, liema somma teccedi l-kompetenza ta' dan it-Tribunal;**

**Ghaldaqstant John Sultana jrid bil-fors jew jiftah kawza ad hoc ghas-somma illi huwa qieghed jippretendi jew inkella jnaqqas dina s-somma sabiex b'hekk taqa' that il-kompetenza ta' dan it-Tribunal izda f'dina l-eventwalita` s-somma mitluba trid tkun ghas-saldu;**

**Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet ta' John Sultana fil-kontro-talba tieghu huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez.**

**Ra l-verbal tas-7 ta' Ottubru, 1999, li fih il-konvenut irrileva illi l-kontro-talba li qed jaghmel hija limitata ghall-ammont ta' mitejn u hamsin lira Maltija (Lm250.00) in kwantu ghall mitt lira Maltija (Lm100.00) "commission", hamsin lira Maltija (Lm50.00) tiswija tal-"mobile phone", u tmenin lira Maltija (Lm80.00) ghall-kera u uzu tal-"mobile phone".**

**Ra li fis-seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2000, it-Tribunal irrileva illi l-ewwel talba ta' l-attur ma taqax taht il-kompetenza ta' dan it-Tribunal u dan a tenur ta' l-Artikolu 3(2) ta' l-Att V ta' l-1995 kif emendat bl-Att XII ta' l-1998.**

**Semgha x-xhieda ta' Emanuel Grech, John Sultana, Carmel sive Lino Soler, Walter Tanti. Ra ukoll l-affidavit ta' George Mifsud. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**1. Fl-ewwel lok it-tribunal jiddikjara ruhu mhux kompetenti sabiex jiehu konjizzjoni ta' l-ewwel talba attrici ghar-ritorn ta' oggetti u dan a tenur ta' l-Artikolu 3(2) ta' l-Att V ta' l-1995 kif emendat bl-Att XII ta' l-1998.**

**2. Jibqa' ghalhekk li jigu kunsidrati il-punti dwar il pretis hlas ta' mija hamsa u erbghin lira Maltija (Lm145.00) li allegatament zamm bhala commission fuq bejgh ta' "coffee machine", il-konvenut meta ma kienx haqqu; u cioe` mitejn lira (Lm200.00) "commission" li minnhom jridu jitnaqqsu hamsa u hamsin lira Maltija "fuel allowance". Jonqos ukoll il-kontro-talba tal-konvenut ghall-hlas ta' mitejn u tletin lira Maltija (Lm250.00) kif spjegat fil-verbal tas-7 ta' Ottubru, 1999. Minn dan il-verbal jirrizulta li fil-fatt il-kontro-talba hija ghall-hlas ta' mitt lira (Lm100.00) commission, hamsin lira Maltija (Lm50.00) tiswija ta' mobile phone, u tmenin lira Maltija (Lm80.00) kera u uzu ta' mobile phone. Il-konvenut qed jippretendi wkoll il-hlas ta' tletin lira Maltija spejjez legali.**

**3. Jigi rilevat li l-kontro-talba kif originarjament proposta ma kienetx vailda in kwantu kien qed jintalab hlas akkont ta' somma akbar, u ghalhekk saret il-verifika u limitazzjoni opportuna dwar il-kontrotalba.**

**4. Jirrizulta li l-konvenut kien fil-fatt tqabbad bhala "salesman" mas-socjeta` attrici fl-1998, sabiex ibiegh jew jikri "coffee machines", u kien jithallas fuq "commission basis". Dana qed jinghad ghax fil-fatt ma irrizultax li kien salarjat. Il-**

**konvenut ghalkemm jghid li kien jircevi salarju, jikkonferma li la ma kellu kuntratt tax-xoghol, u l-bolla kien ihallasha hu.**

**5. Jirrizulta li fuq kull magna tal-kafe` li jbiegh jew jikri, l-konvenut kien intitolat ghall-mitt lira Maltija (Lm100.00) "commission". Kien hemm hames minn nies b'kollox li maghhom kien hemm negozjati ghall-magna tal-kafe`, fejn kien involut il-konvenut. Dawn ser jigu ezaminati individwalment:**

i. **Fl-ewwel lok kien hemm id-Days Inn, hu fuq din kien hemm qbil li l-bejgh sar mill-konvenut, u ma kienx hemm problemi fir-rigward;**

ii. **Fit-tieni lok kien hemm Little Armier Lido. Skond George Mifsud, direttur tas-socjeta` attrici, il-konvenut kien biss prezenti waqt il-bejgh u kien tela' mieghu biex josserva n-negozjati. Il-konvenut jikkonferma li kien hemm Mifsud prezenti, pero` jghid li dan tela' minhabba l-possibilita` ta' bejgh ta' magni ohra lill-imsemmi post. Fir-rigward it-Tribunal jinnota x-xhieda konfliggenti, pero` ma jirrizultax li saru ebda trattattivi dwar magni ohra, u ghalhekk l-unika fattur li ghalih kien prezenti Mifsud kien sabiex jiggwida lill-konvenut dwar kif isiru n-negozjati. Ghalhekk fir-rigward ma hemm ebda "commission" dovuta lill-konvenut.**

iii. **Kien hemm ukoll allegata kirja ta' magna lil Woodland Bar and Restaurant. Skond il-konvenut dan kien accetta l-magna u kien ihallas bil-kambjali kull xahar. Skond Mifsud, l-akkwirent f'dan il-kaz ma kellux mezzi biex jonora l-obbligazzjonijiet tieghu. Dan il-fatt ma jfissirx li l-**

**akkwirent ma kienx accetta il-magna. Ghalhekk f'dan il-kaz il-kummissjoni hija dovuta lill-konvenut.**

**iv. Kien hemm magna ukoll li akkwistaha Walter Tanti Palmier Kiosk. Il-konvenut jghid li l-magna li nghatatlu kienet uzata, pero` l-vera kwistjoni qamet minhabba li Tanti Palmier hass ruhu ingannat peress li l-konvenut kien introduca ruhhu, skond ma xehed l-istes Walter Tanti, bhala l-imghallem tal-kumpanija. Li jirrizulta f'dan il-kaz hu li l-konvenut zbalja meta qal lill-akkwirent li hu s-sid tas-socjeta` attrici. Il-konvenut jipprova jispjega din billi jghid illi meta jghid li jirrapresenta lill-kumpanija u jfisser li jaghmel "sales" ghall-kumpanija. Definitivament it-terminologija uzata mill-konvenut dwar rappresentanza hi ghall-ahhar skorretta. Minhabba li tanti palmier Kiosk hass ruhhu ingannat u ma riedx jonora l-obbligi tieghu, u ghalhekk kellu jsir kuntratt gdid, u tigi transatta kawza li kienet infethet. Il-kuntratt gdid sar fil-15 ta' Jannar, 1999, Dok.EG, u l-kawza giet transatta skond ma jirrizulta mid-Dok.EG1. F'dan ir-rigward definitivament ma hemm ebda kummissjoni dovuta lill-konvenut;**

**v. Kien hemm ukoll magna tal-kafe` li l-konvenut offra "on trial" lil Gasan Enterprises Limited. Jirrizulta mill-provi li din is-socjeta` qatt ma kienet accettat din il-magna, lanqas qatt ma gie ffirmat kuntratt, u dana mix-xhieda ta' Lino Soler, Deputy General Manager, Automotive Division ta' Gasan Group of Companies. L-istess Soler jikkonferma li l-konvenut anke f'dan il-kaz kien introduca ruhhu bhala wiehed mill-"partners" tas-**

socjeta` attrici. Ghalhekk anke f'dan il-kaz ma hemm ebda kummissjoni dovuta.

6. Dwar l-kummissjoni fuq bejgh/kiri fuq riferit, jirrizulta li s-socjeta` attrici kienet hallset lill-konvenut is-somma ta' tlett mitt lira (Lm300.00), mitejn minnhom minn qabel. Jirrizulta li fil-fatt il-konvenut kien intitolat biss ghall mitejn lira "commission", u ghalhekk qed izomm indebitament l-ammont ta' mitt lira Maltija (Lm100.00) li minnhom trid titnaqqas l-imsemmija "fuel allowance" fl-ammont ta' hamsa u hamsin lira Maltija (Lm55.00) u b'hekk jibqa li ghandu jhallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' hamsa u erbghin lira Maltija (Lm45.00).

7. Is-socjeta` attrici lmentat fuq il-fatt li l-konvenut kien inkarigat li joqghod fl-istands waqt it-"Trade Fair" u "Small Industries Fair" u dana m'ghamlux. Jidher li wara gie terminat l-inkarigu tal-konvenut mas-socjeta` attrici.

8. Jirrizulta li lill-konvenut kienu inghatawlu "mobile phone", "fuel allowance" kif ukoll uniformi. Jirrizulta li l-arrangament kien li bil-"mobile phone" il-konvenut seta' jircievi biss, u ghalhekk il-konvenut talab li jkun jista' jcempel fuqu wkoll. Is-socjeta` attrici kienet accetat dan, bil-patt li l-konvenut ihallas ghat-telefonati. Ma ngiebitx prova dwar hlasijiet tal-kirja tal-mobile phone da parti tal-konvenut, u ghalhekk it-Tribunal hu tal-fehma li ma jistghax jilqa' t-talba ghall-hlas ta' tmenin lira Maltija (Lm80.00) ghall-kera u uzu ta' l-istess. Lanqas ma jista' t-Tribunal jakkolji t-talba ghall-tletin lira (Lm30.00) spejjez legali. Jirrizulta minflok li kien

**hemm tassew nefqa ta' hamsin lira Maltija (Lm50.00) ghat-tiswija tal-mobile phone Dok.VF, datat 7 ta' Gunju, 1998, u l-konvenut ghandu jigi rifus l-imsemmija somma ta' hamsin lira Maltija. Il-kontro-talba tal-konvenut ghall-kummissjoni tifforma fil-fatt parti mit-talba atttrici.**

**Ghaldaqstant it-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta pruvata biss fl-ammont ta' hamsa u erbghin lira (Lm45.00) kif fuq inghad, filwaqt li l-kontro-talba tal-konvenut tirrizulta pruvata fl-ammont ta' hamsin lira Maltija (Lm50.00) kif fuq rilevat, u konsegwentement it-Tribunal, b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 1196 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, jikkundanna lis-socjeta` attrici thallas lill-konvenut is-somma ta' hames liri (Lm5.00).**

**Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati ugwalment bejn il-partijiet.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**